



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0361/2013, imressqa minn Andrés Márquez Vázquez, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar il-garanziji fuq il-prodotti fi Spanja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant iħeġġeġ leġiżlazzjoni sabiex ittejjeb il-garanziji fuq il-prodotti elettroniċi. Huwa jispjega li fil-passat diġà ressaq ilmenti lill-awtoritajiet reġjonali fi Spanja minħabba li l-produtturi jkunu naqsu milli josservaw il-garanziji applikabbli fuq oġġetti mixtrija. Il-petizzjonant jidher li qiegħed jissuġġerixxi li d-Digriet Irjali Spanjol 1/2007 mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Novembru 2013. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta mill-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Id-Direttiva 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar ir-responsabbiltà għal prodotti difettużi¹ tapplika għal danni kkawżati minn prodotti mobbli, anke jekk ikunu inklużi fi prodott ieħor mobbli jew immobbli. Għalhekk, id-Direttiva tapplika għad-danni kkawżati minn friġġ difettuża.

Id-Direttiva 85/374/KEE testendi r-responsabbiltà tal-manifatturi jew il-fornituri lill-membri tal-pubbliku korruti u li jsufu telf permezz ta' prodotti difettużi mingħajr ma jridu jagħtu

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà għal-prodotti difettużi (ĠUL 210, 7.8.1985, p. 29).

prova ta' rabta kuntrattwali, id-dmir ta' diliġenza u nuqqas li jieħdu ħsieb b'mod raġonevoli jew nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Skont l-Artikolu 9(b), ir-responsabbiltà għal prodott difettuż tkopri d-danni kkawżati lil kwalunkwe oġġett ta' proprjetà oħra għajr il-prodott difettuż innifsu, b'limitu minimu ta' EUR 500. L-għan ta' tali limitu huwa li tiġi evitata l-litigazzjoni f'għadd eċċessiv ta' każijiet, kif spjegat fid-premessa 9 tad-Direttiva. Madankollu, din id-dispożizzjoni hija soġġetta għal interpretazzjonijiet differenti fl-Istati Membri. Fi wħud minnhom, il-limitu minimu jiġi trattat bħala deduċibbli, sabiex l-ammont ta' danni mogħtija lil rikorrent jitnaqqas bl-ammont speċifikat; fi Stati Membri oħra l-limitu minimu jiġi trattat bħala ammont minimu sabiex, sakemm id-danni jisbqu dak il-minimu, l-ammont sħiħ ikun rekuperabbli.

Id-Direttiva 85/374/KEE ma tippermettix lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu miżuri aktar stretti fi kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom hemm dispożizzjoni, sabiex ikun żgurat livell oġhla ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat li Stat Membru li ma jkunx għamel dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE li l-limitu ta' EUR 500 jonqos milli jissodisfa l-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 9(b) (ara s-sentenza tal-25 ta' April 2002, il-Kummissjoni vs il-Greċja, kawża C-154/00¹).

Minħabba l-fatt li r-rispett tal-limitu minimu ta' EUR 500 mhuwiex fakultattiv għall-Istati Membri, il-Kummissjoni tikkonkludi li dannu għall-proprjetà ta' EUR 150 mhuwiex kopert mid-Direttiva 85/374/KEE dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi.

Madankollu, id-Direttiva 85/374/KEE ma taffettwa l-ebda dritt li persuna korruta jista' jkollha skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali (responsabbiltà kuntrattwali jew mhux kuntrattwali).

Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, id-Digriet Irjali Spanjol 1/2007 tas-16 ta' Novembru, dwar il-liġi ġenerali għall-ħarsien tal-konsumaturi u l-utenti, fit-Titolu II jintroduċi r-responsabbiltà tal-produttur għas-sigurtà tal-prodotti. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 141(a) jillimita r-responsabbiltà tal-produttur għad-danni kkawżati minn prodotti difettużi bl-introduzzjoni ta' konċessjoni ta' EUR 390,66 li għandha titnaqqas mill-ammont tal-kumpens.

Il-Kummissjoni beħsiebha tikkuntattja lill-awtoritajiet Spanjoli dwar din il-kwistjoni.

Id-Direttiva 1999/44/KE² dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, tipprovdi lill-konsumaturi b'garanzija legali ta' minimu ta' sentejn. Id-Direttiva tipprevedi li l-bejgiegħ huwa responsabbli fir-rigward tal-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li kien jeżisti fil-ħin tal-kunsinna tal-prodotti lill-konsumatur ('garanzija legali'). Id-Direttiva tirregola wkoll, sa ċertu punt, il-kundizzjonijiet għall-garanziji kummerċjali offruti volontarjament min-negożjanti.

¹ Qġ-UE - is-sentenza tal-25 ta' April 2002, kawża C-154/00, il-Kummissjoni vs il-Greċja, [2002] 2002 ECT I-3879.

² Id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, ĠU L 171, 7.7.1999.

Prodott difettuż, skont l-Artikolu 137 tad-Digriet 1/2007, huwa prodott li ma joffrix is-sigurtà li wieħed jista' realistikament jistenna mill-użu previst ta' dan il-prodott.

Konsegwentement, il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltà fid-Digriet Spanjol 1/2007 jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti u mhux il-konformità tagħhom mal-kuntratt (garanzija legali). Ir-responsabbiltà għall-prodotti perikolużi mhijiex irregolati mid-Direttiva 1999/44/KE.

Barra minn hekk, anki għall-prodotti li jaderixxu mar-rekwiżiti ta' sikurezza iżda mhumiex konformi mal-kuntratt, id-Direttiva 1999/44/KE ma tarmonizzax ir-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà għad-danni kkawżati mill-prodotti u dawn ir-regoli jibqgħu regolati mil-leġislazzjonijiet ċivili nazzjonali.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-Direttiva 85/374/KEE dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi ma tkoprix danni li ma jilħqux il-limitu minimu ta' EUR 500. L-Istati Membri ma jistgħux jadottaw jew iżommu miżuri maħsuba biex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur li mhumiex f'konformità mad-Direttiva.

Għalhekk, il-Kummissjoni ser tindirizza din il-kwistjoni lill-awtoritajiet Spanjoli.

Il-Kummissjoni temmen li l-leġislazzjoni Spanjola li tillimita r-responsabbiltà tal-produtturi għad-danni kkawżati minn prodotti difettużi mhijiex relatata mal-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 1999/44/KE dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u l-garanziji assoċjati magħhom.